# BOV 24x7 Services

## Informazzjoni Importanti u Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu

**Din l-Informazzjoni Importanti u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu jirrelataw ma' kif inti tuża l-Alternative Delivery Channels tagħna. Għandek tirreferi wkoll għall-Informazzjoni Importanti u t-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu tal-websajt tagħna ("Sit"), li huma applikabbli wkoll.**

Jekk jogħġbok innota li l-prodotti u s-servizzi tal-Bank of Valletta p.l.c. jistgħu jkunu soġġetti għal termini u kundizzjonijiet separati li jirregolaw l-użu tagħhom.

Aqra bir-reqqa din l-Informazzjoni Importanti u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu li ġejjin.

Ir-referenzi għal "**int**" jew "**tiegħek**" huma referenzi għal kwalunkwe persuna, kemm jekk ġuridika kif ukoll jekk fiżika, li tuża ċ-Channels.

Ir-referenzi għal "**aħna**", "**magħna**", "**tagħna**" jew il-"**Bank**" huma referenzi għall-Bank of Valletta p.l.c. u għal kull waħda mis-sussidjarji u mill-kumpaniji assoċjati tagħna.

Ir-referenzi għal "**Channels**" huma referenzi għall-Alternative Delivery Channels tagħna inkluż fil-firxa tal-BOV 24x7 Services, jiġifieri l-Internet Banking, it-Telephone Banking, il-Mobile Banking, u l-Customer Service Centre.

Ir-referenzi għal "**Kont**" jew "**Kontijiet**" huma referenzi għal kwalunkwe kont(ijiet) li aħna nżommu f'ismek jew f'isem persuni jew entitajiet oħra konnessi miegħek skont kif niġu avżati minnek minn żmien għal żmien.

Ir-referenzi għal "**Tariffi**" għandhom ifissru t-tariffi maħruġa mill-Bank minn żmien għal żmien fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi tal-Bank u li huma disponibbli fil-fergħat tal-Bank, fuq il-websajt http://www.bov.com jew billi wieħed iċempel lill-Customer Service Centre tal-Bank fuq (356) 2131 2020.

**Informazzjoni dwar il-Kumpanija**

Il-Bank huwa kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata rreġistrata mar-Reġistru tal-Kumpaniji bin-numru tar-reġistrazzjoni C2833 u bl-uffiċċju reġistrat li jinsab f'58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta, VLT1130, Malta, websajt: https://www.bov.com. In-negozju prinċipali tal-Bank huwa li joffri servizzi bankarji u ta' investiment u huwa liċenzjat u regolat mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, Triq Notabile, Birkirkara, BKR3000, Malta, websajt: http://www.mfsa.com.mt/.

Il-post prinċipali tan-negozju tal-Bank huwa l-BOV Centre, Triq il-Kanun, Zone 4, Central Business District, Santa Venera, SVR9030, Malta, dettalji ta' kuntatt: Telefon: (356) 2131 2020, Faks: (356) 2275 3730 u dan huwa wkoll l-indirizz ta' kuntatt għall-finijiet tal-ftehim tiegħek mal-Bank. Alternattivament, inti tista' tikkuntattja l-fergħa fejn jinsab domiċiljat il-Kont tiegħek jew tista' tibgħat posta elettronika lill-Customer Service Centre tal-Bank fuq: customercare@bov.com.

**Termini taċ-Channel**

Din l-Informazzjoni Importanti u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu (flimkien "**il-Ftehim**") jirregolaw l-użu tiegħek taċ-Channels u billi tuża ċ-Channels inti taqbel li tintrabat bihom. F'dan ir-rigward, inti taqbel li tagħmel użu xieraq miċ-Channels u minn kull funzjoni taċ-Channels. Barra minn hekk, kull funzjoni taċ-Channels tista' tkun soġġetta għal termini u kundizzjonijiet speċifiċi u billi tuża l-funzjonalità relattiva inti taqbel li tintrabat bihom.

Dawn l-Alternative Delivery Channels huma għall-użu esklussiv ta' klijenti awtorizzati tal-Bank of Valletta p.l.c. L-attivitajiet kollha huma mmonitorjati u rreġistrati. L-użu mhux awtorizzat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-Alternative Delivery Channels jista' jwassal biex tittieħed azzjoni legali mill-Bank.

Barra minn hekk, sakemm ma tiġix innotifikat mod ieħor minn żmien għal żmien, it-tranżazzjonijiet finanzjarji huma soġġetti għal limiti kif hawn idetifikat https://www.bov.com/content/24x7-limits, skont iċ-Channel li jkunu nbdew bih.

Sakemm mhux maqbul mod ieħor, l-użu taċ-Channels jirrikjedi li inti jkollok Kont magħna u li inti tkun iffirmajt il-ftehim magħna għall-użu tal-Kanali permezz ta' applikazzjoni u l-aċċettazzjoni tagħha bil-miktub mingħandna. Ma' kull applikazzjoni għall-użu taċ-Channels, inti tkun meħtieġ tagħżel (i) il-Kont bħala l-Kont għall-Imposti li minnu tiġi ddebitata l-miżata tal-abbonament, jekk ikun hemm, il-miżata għall-użu tal-BOV Securekey ('**Hardware Token**') u /jew il-BOV Mobile Authentication Software, il-miżati tas-servizz, il-kummissjonijiet u l-imposti relatati ma' kwalunkwe tranżazzjoni mhux finanzjarja; u (ii) l-Amministratur tas-Sistema u l-utenti l-oħra, jekk ikun hemm, (dan tal-aħħar huwa applikabbli biss għal offerti ta' pakketti speċifiċi li jippermettu l-ħatra ta' dawn l-utenti). Inti tista' tagħżel ukoll li taħtar lill-Bank bħala Amministratur tas-Sistema (dan ukoll huwa applikabbli biss għal offerti ta' pakketti speċifiċi li jippermettu l-ħatra ta' utenti oħra).

Jekk inti tagħżel li tibgħat jew tirċievi BOV Mobile to Mobile Payments, inti tkun trid tissettja l-Kont li se jkun il-BOV Mobile to Mobile Payments Account tiegħek (il-"BOV Mobile to Mobile Payments Account") li minnu u fih se jsiru l-BOV Mobile to Mobile Payments.

**Varjazzjoni tal-Ftehim**

Aħna nistgħu nvarjaw dan il-Ftehim (inkluż il-miżati, il-kummissjonijiet u l-imposti) billi nagħtuk avviż bil-miktub xahrejn (2) qabel jew kwalunkwe perjodu ta' avviż iqsar kif jista' jkun permess bil-liġi sakemm:

a. inti titqies li tkun aċċettajt dawn l-emendi, sakemm ma tinnotifikax lill-Bank li inti mhux qed taċċetta dawn l-emendi qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom, f'liema każ il-ftehim tiegħek mal-Bank għandu jitqies li ntemm. M'hemm l-ebda imposta għat-terminazzjoni tal-Ftehim;
b. il-Bank jirriserva d-dritt li jagħmel tibdil mingħajr avviż jekk inti tkun qed tikser jew aktarx li se tikser kwalunkwe waħda minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew inkella tkun inadempjenti jew fil-każ ta' tibdil fil-liġi u/jew ta' deċiżjoni jew rakkomandazzjoni ta' qorti, regolatur jew korp simili. Il-Bank se jinformak dwar it-tibdil kemm jista' jkun malajr jew jekk applikabbli, billi jippubblika t-tibdil fl-istampa lokali jew fil-fergħat tal-Bank jew fuq il-websajt tal-Bank: http://www.bov.com jew permezz tal-Internet Banking.

**Drittijiet tal-awtur u Trademarks**

Il-kontenut kollu taċ-Channels huwa soġġett għad-drittijiet tal-awtur bid-drittijiet kollha riservati u l-informazzjoni miżmuma tkun għall-użu personali tiegħek biss. Inti ma tistax tniżżel, tikkopja, tittrażmetti, tikkonverti, tittraskrivi, tiddekowdja, tirriproduċi jew timmodifika l-kontenut taċ-Channels (kollu jew parti minnu) mingħajr il-permess tagħna minn qabel. Madankollu, inti tista' tistampa parti mill-kontenut jew il-kontenut kollu taċ-Channels għall-użu personali tiegħek.

Il-wiri tat-trademarks fil-paġni taċ-Channels ma jimplikax li ngħatat xi liċenzja ta' kwalunkwe xorta.

**Prodotti u Servizzi b'Informazzjoni ta' Parti Terza**

Iċ-Channels jistgħu jinkludu xi materjal ipprovdut minn partijiet terzi u aħna mhux neċessarjament naqblu mal-kontenut ta' dan il-materjal. Barra minn hekk, aħna ma naċċettaw l-ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni għall-preċiżjoni ta' dan il-materjal.

**Ebda Offerta jew Parir**

Xejn fiċ-Channels m'għandu jitqies li huwa sollecitazzjoni jew offerta, jew rakkomandazzjoni, biex wieħed jixtri jew ibigħ kwalunkwe investiment, prodott jew servizz jew biex wieħed jidħol fi kwalunkwe tranżazzjoni oħra, jew li qed jipprovdi kwalunkwe parir jew servizz ta' investiment.

Xejn inkluż fiċ-Channels ma jikkostitwixxi parir dwar l-investiment, parir legali, parir fiskali jew kwalunkwe parir ieħor u wieħed m'għandux joqgħod fuq il-kontenut taċ-Channels meta jieħu deċiżjoni dwar l-investiment jew kwalunkwe deċiżjoni oħra. Inti għandek tikseb parir professjonali rilevanti u speċifiku qabel tieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar l-investiment.

**Obbligazzjoni**

Aħna se nagħmlu ħilitna biex nagħtu servizz sħiħ il-ħin kollu. Madankollu, sa fejn tippermetti l-liġi, u minbarra sal-punt li t-telf jew il-ħsara huma kkawżati direttament minħabba n-negliġenza gravi jew l-imġiba ħażina volontarja tagħna u soġġett għall-paragrafu li jmiss u għall-klawżoli taħt l-intestatura Avviż ta' Sigurtà hawn taħt, aħna m'aħniex obbligati lejk għal kwalunkwe telf jew ħsara li inti tista' ssofri b'riżultat tal-użu tiegħek taċ-Channels. B'mod partikolari, imma mingħajr limitazzjoni tal-ġeneralità ta' dawn ta' hawn fuq, aħna m'aħniex obbligati għad-dewmien fit-twettiq jew għan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi tagħna hawn taħt jekk id-dewmien jew in-nuqqas jirriżulta: (i) minn avvenimenti jew ċirkostanzi mhux normali jew mhux previsti lil hinn mill-kontroll raġonevoli tagħna li ma setgħux jiġu evitati minkejja l-isforzi kollha għall-kuntrarju, pereżempju dewmien jew nuqqasijiet ikkawżati minn azzjonijiet industrijali, problemi b'netwerk ta' sistema ieħor, ħsara mekkanika jew nuqqasijiet fl-ipproċessar tad-data jew kwalunkwe istanza oħra ta' force majeure; (ii) minħabba l-obbligi tagħna li nikkonformaw ma' kwalunkwe liġi jew regolament applikabbli.

Aħna m'aħniex obbligati għal kwalunkwe telf dirett jew indirett ta' profitti, avvjament, negozju jew tfaddil antiċipat u lanqas għal kwalunkwe telf jew ħsara indiretti jew konsegwenzjali.

Aħna m'aħniex obbligati għal kwalunkwe telf li jirriżulta minn servizzi, tagħmir, softwer, ħardwer jew kwalunkwe komponent ieħor ta' parti terza, lil hinn mill-kontroll raġonevoli tagħna (inkluż, imma mhux limitat għal, telefonija ta' linja fissa/mobbli u servizzi u tagħmir ibbażati fuq l-Internet, servizzi u tagħmir, softwer, brawżers u komponenti u sistemi tal-kompjuter ta' fornituri ta' servizz oħra u websajts ta' parti terza, kemm jekk taċċessa dawn il-websajts jew le permezz tas-Sit jew iċ-Channels), kemm jekk dawn is-servizzi, tagħmir, softwer, ħardwer jew kwalunkwe komponent ieħor jintużaw minnek biex taċċessa u/jew tuża s-Sit jew iċ-Channels kif ukoll jekk jintużaw minna sabiex nikkonformaw mal-istruzzjonijiet tiegħek.

Aħna nirriservaw id-dritt li nimmodifikaw, nissospendu jew inwaqqfu, temporanjament jew b'mod permanenti, l-użu taċ-Channels jew kwalunkwe parti minnhom, billi nagħtu avviż jew le, matul perjodu ta' qtugħ (jiġifieri matul dawk il-ħinijiet,

kemm jekk skedati kif ukoll jekk mhux skedati, meta s-sistemi tagħna, kemm jekk kompletament jew parzjalment, ikunu mitfija għal skopijiet ta' manutenzjoni). Inti taqbel li aħna m'għandniex inkunu obbligati lejk jew lejn kwalunkwe parti terza għal kwalunkwe tali modifika, sospensjoni jew twaqqif tal-użu taċ-Channels jew ta' kwalunkwe parti minnhom.

**Indennizz**

Inti m'għandek tfittex l-ebda danni mingħandna minħabba kwalunkwe telf jew ħsara li ssofri kwalunkwe persuna b'riżultat tal-ksur tiegħek ta' kwalunkwe waħda minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew minħabba l-użu mhux xieraq minnek taċ-Channels jew ta' kwalunkwe funzjoni taċ-Channels.

**Imposti**

Inti taqbel li tħallas il-miżata tal-abbonament, għall-użu u bdil tal-BOV Securekey skond it-tariff of charges tinsab fuq il-websajt tal-Bank (https://www.bov.com).

Barra minn hekk, inti taqbel li tħallas kwalunkwe miżati tas-servizz, kummissjonijiet u imposti għall-użu taċ-Channels inkluż, imma mhux limitat, għall-użu tal-BOV Mobile Authentication Software (li bħalissa huwa mingħajr ħlas), u kwalunkwe funzjonalità tiegħu u għal kwalunkwe prodott jew servizz ieħor tagħna. Dawn il-miżati, kummissjonijiet u imposti huma dettaljati fit-Tariffi tagħna. Aħna intitolati li niġbru u niddebitaw il-miżati tas-servizz, il-kummissjonijiet u l-imposti mill-Kont tiegħek.

Għal lista aġġornata tal-imposti tal-Bank jekk jogħġbok irreferi għat-Tariffi.

Barra minn hekk, sabiex tagħmel użu minn kwalunkwe wieħed jew aktar miċ-Channels, inti trid tagħmel użu mis-servizzi pprovduti minn partijiet terzi, bħall-konnettività tal-internet, inkluż 3G, 4G u Wi-Fi, u tħallas kwalunkwe miżata imposta minn dawn il-partijiet terzi.

**Kunfidenzjalità u Protezzjoni tad-Data**

Jekk tikseb aċċess mhux awtorizzat għal kwalunkwe programm, data jew informazzjoni oħra li tappartjeni għalina jew għall-aġent/i tagħna, inti taqbel li tittratta dawn il-programmi, data u informazzjoni bħala kunfidenzjali u taqbel li ma tiżvelax jew ma tagħmilx użu minnhom (jew minn parti minnhom) u li tavżana immedjatament billi tikkuntattja l-Customer Service Centre tagħna.

L-avviż tal-privatezza tal-Bank, li jgħidlek x'għandek tistenna li nagħmlu bl-informazzjoni personali li qed tipprovdi permezz ta ' din il-formola, hija disponibbli onlajn fuq https://www.bov.com/content/privacy.

Filwaqt li l-Bank jista' perjodikament jitolbok tikkonferma mill-ġdid id-data tiegħek, inti għandek tinforma lill-Bank immedjatament jekk din id-data tinbidel.

**Mistoqsijiet jew Ilmenti**

Aħna nissuġġerixxu li l-ilmenti l-ewwel għandhom jitressqu għall-attenzjoni ta' uffiċjal tal-unità fejn saret it-tranżazzjoni jew fejn huwa domiċiljat il-kont. Jekk it-tweġiba ma tkunx sodisfaċenti, wieħed jista':

- Iċempel lill-Customer Service Centre tagħna fuq (356) 21312020; jew
- Jikteb lill-Manager, Customer Issues, Bank of Valletta p.l.c. 4th Floor, 45 Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, VLT 1113 – Malta; jew
- Jimla l-formola tal-Ilmenti elettronika disponibbli fuq il-websajt https://www.bov.com mit-taqsima "Agħmel Kuntatt Magħna".

Jekk l-ilmentatur ma jkunx sodisfatt bit-tweġiba tal-Bank jew jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim mal-Bank, wieħed jista' jirreferi l-kwistjoni billi jikteb lill-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji, L-Ewwel Sular, Pjazza San Kalċidonju, Il-Furjana FRN 1530 – Malta.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb permezz tal-websajt uffiċjali: www.financialarbiter.org.mt, Numru tat-telefon bla ħlas (sejħiet lokali): 8007 2366 u Telefon: (356) 2124 9245.

**Kwalunkwe struzzjoni lilna**

Il-pagamenti, l-istruzzjonijiet, l-ordnijiet, l-applikazzjonijiet, il-ftehimiet kollha, dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni u messaġġi oħra mibgħuta minnek permezz taċ-Channels, wara li ddaħħal in-numru jew numri tas-sigurtà tal-BOV Securekey ("**Numru/i tas-Sigurtà**"), jew iddaħħal il-BOV Mobile PIN ("**BOV Mobile PIN**") tiegħek, jew iddaħħal dejta bijometrika jitqiesu bħala vinkolanti fuqek.

Sakemm mhux maqbul mod ieħor, in-Numru/i tas-Sigurtà jista' jiġi ġġenerat mill-BOV Securekey, (li hija l-apparat ta' sigurtà mogħtija lilek minna), jew jista' jingħata lilek direttament minna fil-forma ta' Numru tal-Identifikazzjoni Personali, jekk iċ-ċirkostanzi jitolbu hekk.

Inti tawtorizzana naġixxu fuq kwalunkwe struzzjoni li nirċievu permezz taċ-Channels li tkun, jew raġonevolment tidher li tkun, intbagħtet minnek u li, fejn applikabbli, tkun intbagħtet bl-użu tan-Numru/i tas-Sigurtà jew tal-BOV Mobile PIN tiegħek jew bid-dejta bijometrika.

Inti tiddikjara u tikkonferma li kwalunkwe informazzjoni mogħtija minnek lilna hija vera u korretta u inti responsabbli għall-awtentiċità tal-informazzjoni mogħtija. Aħna m'aħniex obbligati li nieħdu aktar passi biex nikkoreġu, nissupplimentaw, nikkonfermaw jew nawtentikaw l-istruzzjoni lanqas biex inreġġgħu lura jew naġġustaw kwalunkwe tranżazzjoni jew azzjoni oħra mwettqa b'riżultat ta' struzzjoni mibgħuta bl-użu tan-Numru/i tas-Sigurtà jew tal-BOV Mobile PIN tiegħek jew bid-dejta bijometrika. Inti se tkun responsabbli għal kwalunkwe tranżazzjoni li nwettqu b'riżultat tal-istruzzjoni mibgħuta bl-użu tan-Numru/i tas-Sigurtà jew tal-BOV Mobile PIN tiegħek jew bid-dejta bijometrika. Aħna m'għandniex ninżammu responsabbli jekk l-eżekuzzjoni tal-istruzzjoni, minħabba l-informazzjoni mibgħuta b'mod żbaljat minnek, tiddewwem, titwettaq b'mod żbaljat jew ma titwettaqx. Barra minn hekk, għandu jkollna d-dritt li ninterrompu l-ipproċessar ta' struzzjoni sabiex niksbu kwalunkwe informazzjoni addizzjonali meħtieġa.

L-istruzzjonijiet ta' ħlas huma bbażati wkoll fuq it-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw il-Kont(ijiet), inkluż fejn applikabbli, l-informazzjoni fornuta lilek skont l-obbligi tal-Bank taħt id-Direttiva Nru 1 tal-Bank Ċentrali ta' Malta u d-Direttiva aġġornata dwar is-Servizzi ta' Ħlas 2 dwar il-Forniment u l-Użu tas-Servizzi tal-Ħlas ("id-Direttiva"). It-termini u kundizzjonijiet li jirregolaw il-Kont(ijiet) u l-informazzjoni fornuta f'termini tad-Direttiva huma disponibbli minn kwalunkwe fergħa tal-Bank jew minn fuq il-websajt tal-Bank: https://www.bov.com, fuq l-Internet Banking jew billi wieħed iċempel lill-Customer Service Centre tal-Bank.

Inti trid tagħti rendikont tal-oriġini tal-flus jekk tintalab tagħmel dan.

Meta nibagħtu pagament, aħna ma nkunu taħt l-ebda obbligu li nikkontrollaw l-iskop tal-pagament.

Inti se tkun responsabbli biex ikollok il-fondi disponibbli meħtieġa f'depożitu fil-Kont tiegħek fil-mument meta niddebitaw il-Kont fir-rigward tal-istruzzjoni ta' ħlas u l-imposti kollha relattivi.

Jekk il-Kont li se jiġi ddebitat ma jkunx fih il-fondi disponibbli meħtieġa biex jitwettaq il-pagament (inkluż l-imposti relattivi kollha), il-Kont ikun ingħalaq, jew b'xi mod ieħor il-Kont ma jkunx jista' jintuża, aħna m'aħniex obbligati nwettqu l-pagament jew anke parti minnu.

**Rifjut jew terminazzjoni tal-istruzzjonijiet**

L-istruzzjonijiet tiegħek biex twettaq pagament jistgħu jiġu rrifjutati jew imwaqqfa minna għal raġuni valida, inkluż jekk:

a. ma jkollokx fondi disponibbli biex tagħmel il-pagament jew tkun qbiżt il-limitu li nkunu applikajna fuq il-Kont jew il-kard tiegħek; jew
b. l-istruzzjoni ta' ħlas hija invalida, mhux ċara jew inti ma tkunx tajtna d-dettalji u l-informazzjoni tajbin; jew
c. hemm rekwiżit legali jew qorti jew awtorità oħra li tgħidilna biex naġixxu b'dak il-mod; jew
d. il-pagament jidher mhux tas-soltu meta mqabbel mal-mod li inti normalment tuża l-Kont tiegħek; jew
e. aħna raġonevolment nemmnu li inti jew xi ħadd ieħor uża jew qed juża jew jikseb, jew jista' juża jew jikseb servizz jew flus b'mod illegali jew frodulenti; jew
f. għal kwalunkwe raġuni oħra li tista' tiġi stipulata b'mod separat f'din l-Informazzjoni jew fi kwalunkwe Termini u Kundizzjonijiet oħra li jirregolaw il-Kont jew kwalunkwe prodott jew servizz ieħor tal-Bank.

F'dan il-każ, aħna ma jkollna l-ebda obbligazzjoni lejk jekk inti ssofri xi telf b'riżultat tar-rifjut jew it-terminazzjoni tagħna f'dawn iċ-ċirkostanzi u, barra minn hekk, inti għandek tkun responsabbli għad-danni kkawżati minna, jekk ikun hemm.

Sakemm il-liġi ma twaqqafniex milli nagħmlu dan, aħna se nippruvaw nikkuntattjawk bit-telefon jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor disponibbli u xieraq biex ngħidulek li qed nirrifjutaw li naġixxu fuq l-istruzzjoni ta' ħlas tiegħek jew li se nitterminaw l-istruzzjoni tiegħek, inkluż fejn possibbli r-raġunijiet għar-rifjut jew it-terminazzjoni. Aħna se nagħmlu dan fl-ewwel opportunità li jkollna imma fi kwalunkwe każ saż-żmien li fih il-pagament kellu jasal għand il-bank li inti tlabtna nagħmlu l-pagament lilu.

**Ritorn ta' pagamenti**

Il-pagament tiegħek jista' jintbagħat lura lilna mill-bank li inti tlabtna nagħmlu l-pagament lilu.

Sakemm il-liġi ma twaqqafniex milli nagħmlu dan, aħna se navżawk dwar ir-ritorn, inkluż fejn possibbli, ir-raġunijiet għar-ritorn fl-ewwel opportunità li jkollna u se nagħmlu ħilitna biex nikkuntattjawk bit-telefon jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor disponibbli u xieraq.

F'termini tat-Tariffi tal-Bank, tista' tkun dovuta imposta fil-każ ta' notifika bħal din u inti tista' tkun responsabbli wkoll għal kwalunkwe imposti tal-bank ta' parti terza, jekk applikabbli.

Sakemm ma tagħtiniex struzzjonijiet mod ieħor jew sakemm il-liġi ma twaqqafniex milli nagħmlu dan, aħna se nikkreditaw l-ammont tal-fondi mibgħuta lura, wara li nnaqqsu l-imposti tagħna u kwalunkwe imposti tal-bank ta' parti terza, jekk applikabbli, fil-Kont li kien ġie ddebitat. Fejn applikabbli, fil-każ li jkun meħtieġ il-kambju ta' munita, inti tista' tkun responsabbli wkoll għal kwalunkwe differenzi fir-rata tal-kambju.

**Kanċellazzjoni jew tibdil tal-istruzzjoni ta' ħlas**

Jekk titlobna nagħmlu pagament immedjatament, ma nistgħux nibdluh jew nikkanċellaw l-istruzzjoni ta' ħlas għaliex nibdew nipproċessawh meta nirċevuh. Inti tista' tikkanċella ordni permanenti ta' debitu dirett u kwalunkwe pagament ieħor li tkun tlabtna nagħmlu f'data fil-futur sakemm tgħidilna sal-aħħar tal-ħinijiet tal-uffiċċju tagħna tal-Jum ta' Negozju ta' qabel dak li fih il-pagament ikun dovut li jsir. Għall-finijiet ta' din il-klawżola, il-Jum ta' Negozju għandu jfisser mit-Tnejn sal-Ġimgħa bl-esklużjoni tal-Btajjel Pubbliċi u l-Btajjel tal-Bank.

Jekk titlobna nikkanċellaw struzzjoni ta' ħlas, aħna nistgħu niċċarġjawk l-ispejjeż tagħna, biex nippruvaw nikkanċellawha, kemm jekk jirnexxielna kif ukoll jekk le, skont it-Tariffi tal-Bank. Jista' jkun hemm ukoll imposti tal-bank ta' parti terza, f'liema każ, dawn jiġu ċċarġjati wkoll minna.

**Imposti fir-rigward ta' pagamenti li tirċievi jew li tħallas**

Minbarra kwalunkwe imposti oħra msemmija f'dan il-Ftehim jew fit-Termini u Kundizzjonijiet tal-Kont tiegħek, l-imposti li ġejjin jistgħu jiġu applikati mill-Bank fir-rigward ta' pagamenti li tirċievi jew li tħallas skont it-Tariffi tal-Bank:

- Jekk tixtieq tagħmel Pagament ta' Prijorità, jiġifieri pagament li jasal għand il-benefiċjarju fl-istess ġurnata li fiha jiġu pproċessati l-istruzzjonijiet tiegħek.
- Jekk l-istruzzjonijiet tiegħek biex tagħmel pagament ma jkunux Awtomatizzati, jiġifieri tagħtina struzzjonijiet b'format mhux elettroniku, eż. billi timla l-formola tal-ordni ta' pagament tal-Bank jew billi tibgħat struzzjonijiet permezz tal-posta elettronika jew tal-faks (fejn applikabbli).
- Jekk il-pagament li titlob jew li tirċievi jkun jeħtieġ intervent manwali min-naħa tal-Bank u għalhekk jitqies bħala pagament Mhux bl-Ipproċessar Awtomatiku eż. meta ma tipprovdix lill-Bank bil-BIC, l-IBAN u/jew ir-routing number it-tajjeb (kif u jekk applikabbli).
- Jekk titlobna ninvestigaw għaliex pagament li inti tajt l-istruzzjonijiet għalih ma wasalx għand il-benefiċjarju maħsub jew kwalunkwe mistoqsija oħra rigward il-pagamenti li inti tajt struzzjonijiet għalihom.

Inti tista' tkun responsabbli wkoll għal kwalunkwe spejjeż addizzjonali li joħorġu mill-but (bħall-imposti ta' bank ta' parti terza) li jsofri l-Bank fir-rigward tal-istruzzjonijiet ta' ħlas tiegħek jew ta' kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet deskritti f'din il-parti.

Barra minn hekk, fil-każijiet kollha ta' trasferimenti, sakemm mhux maqbul mod ieħor, jekk il-Kont li għandu jiġi ddebitat huwa kont tal-karta tal-kreditu, it-trasferiment għandu jkun soġġett għall-imposta, jekk ikun hemm, applikabbli għall-avvanz ta' flus (jekk jogħġbok irreferi għat-termini u kundizzjonijiet tal-karta tal-kreditu tiegħek).

**Rati tal-Kambju**

Meta l-pagamenti lejn il-Kont tiegħek jew li joħorġu minnu jkunu f'munita li hija differenti minn dik tal-Kont, il-Bank se japplika r-rata spot tax-xiri jew tal-bejgħ standard uffiċjali tal-Bank fil-ħin meta jiġi pproċessat il-pagament mill-Bank.

It-tibdil fir-rati tal-kambju jiġi applikat immedjatament u mingħajr avviż.

Għal lista tar-rati tal-kambju, jekk jogħġbok ikkuntattja kwalunkwe fergħa tal-Bank jew irreferi għall-websajt tal-Bank: https://www.bov.com jew għat-24x7 Internet Banking tal-Bank jew ikkuntattja lill-Customer Service Centre tal-Bank fuq (356) 2131 2020.

Il-Bank jirriserva d-dritt li jissospendi l-funzjonalità kollha jew parti minnha li tkun teħtieġ l-użu ta' rata tal-kambju jekk ikun hemm raġunijiet validi biex jagħmel dan, inkluż imma mhux limitat għal meta jkun hemm suq volatili.

**Avviż ta' Sigurtà**

Filwaqt li aħna ħadna kull prekawzjoni raġonevoli biex niżguraw li s-sistemi tagħna jkunu kemm jista' jkun siguri, ma nistgħux niggarantixxu l-privatezza jew il-kunfidenzjalità ta' kwalunkwe informazzjoni li tgħaddi miċ-Channels u għalhekk aħna ma nistgħu naċċettaw l-ebda responsabbiltà għall-aċċess mhux awtorizzat minn parti terza u/jew għall-korruzzjoni tad-data li tkun qed tintbagħat mill-individwi lill-uffiċċji tagħna. Fid-dawl ta' dan, inti taċċetta li t-trażmissjonijiet elettroniċi u oħrajn li jgħaddu miċ-Channels jistgħu ma jkunux ħielsa minn interferenza minn partijiet minn barra u jistgħu, għalhekk, ma jibqgħux kunfidenzjali.

Sakemm mhux maqbul mod ieħor, aħna nipprovdu lill-Amministratur tas-Sistema u lil kull wieħed mill-utenti l-oħra maħtura minna skont l-istruzzjonijiet tiegħek jew mill-Amministratur tas-Sistema, jekk ikun hemm, bil-BOV Securekey li tiġi aċċessata permezz ta' numru tal-identifikazzjoni personali ("**BOV Securekey PIN**").

Sakemm mhux maqbul mod ieħor, aħna nipprovdu lill-Amministratur tas-Sistema u lil kull wieħed mill-utenti l-oħra maħtura minna skont l-istruzzjonijiet tiegħek jew mill-Amministratur tas-Sistema, jekk ikun hemm, bl-aċċess għall-BOV Mobile Authentication Software, li jista' jitniżżel fuq apparat mobbli, u jippermetti l-aċċess għall-BOV Mobile to Mobile Payment u/jew għall-BOV Mobile Banking permezz tal-BOV Mobile PIN. Biex taċċessa l-BOV Mobile Banking, flimkien mal-BOV Mobile PIN, wieħed jeħtieġ ukoll il-BOV 24x7 User ID.

Il-BOV Securekey tappartjeni għalina u inti tkun mitlub tirritornaha lilna immedjatament jekk ma tkunx meħtieġa aktar. Madankollu, inti se tingħata l-użu uniku u esklussiv tal-BOV Securekey u t-telf jew il-ħsara li ssirilha tkun ir-responsabbiltà unika u esklussiva tiegħek. Barra minn hekk, hija r-responsabbiltà tiegħek li tiġbor il-BOV Securekey li tappartjeni għall-Amministratur tas-Sistema jew għall-utenti l-oħra li ma jkunux aktar awtorizzati jużaw iċ-Channels f'ismek u dawn il-BOV Securekeys ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw għall-Amministratur tas-Sistema l-ġdid u għal utenti oħra, jekk ikun hemm, sakemm aħna niġu avżati bil-miktub minn qabel dwar dan.

Il-BOV Mobile Application, li inti se jkollok bżonn tniżżel fuq l-apparat mobbli tiegħek bħala parti mill-proċess sabiex tagħmel użu mill-BOV Mobile to mobile Payment u/jew mill-BOV Mobile Banking, (il-"**BOV Mobile Application**") u l-komponenti individwali tagħha, inkluż il-BOV Mobile Authentication Software, tappartjeni għalina jew hija liċenzjata lilna u inti se tkun meħtieġ tinformana immedjatament jekk il-BOV Mobile Application, jew l-apparat mobbli jew in-numru tal-mowbajl partikolari, ma jkunux meħtieġa aktar. Madankollu, inti se tingħata l-użu uniku u esklussiv tal-BOV Mobile Application u t-telf jew il-ħsara li ssirilha (inkluż il-kompromess tagħha) huma r-responsabbiltà unika u esklussiva tiegħek. Barra minn hekk, hija r-responsabbiltà tiegħek li tavżana immedjatament jekk l-Amministratur tas-Sistema jew utenti oħra awtorizzati biex jużaw iċ-Channels f'ismek, ma jibqgħux awtorizzati aktar biex jużaw iċ-Channels f'ismek u/jew għandhom il-ħsieb li ma jużawx l-apparat mobbli jew in-numru tal-mowbajl partikolari jew il-BOV Mobile Application jew il-BOV Mobile Authentication Software.

Aħna nirriservaw id-dritt li nimponu ħlas, skont it-Tariffi tal-Bank, għall-ħruġ u/jew il-bdil u/jew l-użu ta' kwalunkwe BOV Securekey u/jew BOV Mobile Authentication Software.

Inti għandek tieħu l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha biex tipprevjeni t-telf, is-serq jew l-użu frodulenti tal-BOV Securekey, in-Numru/i tas-Sigurtà, il-BOV Securekey PIN, u/jew il-BOV Mobile Application, il-BOV Mobile Authentication Software, id-dejta bijometrika, il-BOV Mobile PIN, kif applikabbli. Inti tintrabat li ma tirreġistrax il-BOV Securekey PIN u/jew il-BOV Mobile PIN tiegħek f'forma li tingħaraf faċilment u li żżomm dawn il-PINs separati mill-BOV Securekey u/jew mill-apparat mobbli. Inti għandek tagħmel kull sforz biex tevita li l-BOV Securekey, in-Numru/i tas-Sigurtà, il-BOV Securekey PIN u/jew il-BOV Mobile Application, il-BOV Mobile Authentication Software u/jew il-BOV Mobile PIN, kif applikabbli, jaqgħu f'idejn, jew issir taf bihom, kwalunkwe parti terza.

Jekk is-sigurtà tal-BOV Securekey u/jew tal-BOV Mobile Application, u/jew tal-BOV Mobile Authentication Software tkun ġiet bi kwalunkwe mod kompromessa jew jekk il-BOV Securekey PIN u/jew in-Numru/i tas-Sigurtà u/jew il-BOV Mobile Application u/jew il-BOV Mobile Authentication Software u/jew il-BOV Mobile PIN, kif applikabbli, jkunu waqgħu f'idejn jew saret taf bihom parti terza, jew jekk għandek raġuni biex tissuspetta dan, minħabba r-reġistrazzjoni fuq il-Kont tiegħek ta' kwalunkwe tranżazzjoni mhux awtorizzata jew għal kwalunkwe raġuni oħra, inti tintrabat li tinnotifikana immedjatament (u f'kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn tlettax-il xahar wara d-data tad-debitu ta' kwalunkwe tranżazzjoni mhux awtorizzata), sabiex jiġi evitat l-użu mhux awtorizzat taċ-Channels.

In-notifika skont dan il-Ftehim għandha ssir lill-Bank of Valletta p.l.c., Customer Service Centre. Dettalji ta' Kuntatt: Telefon: (356) 2131 2020, Faks: (356) 2275 3730, liema numru huwa disponibbli fuq bażi ta' 24 siegħa. Aħna neħtieġu li kwalunkwe notifika tiġi kkonfermata bil-miktub.

Soġġett għal dan t'hawn fuq u għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din il-klawżola, il-Bank ġeneralment se jinvestiga t-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati u, jekk il-Bank ikun sodisfatt b'mod raġonevoli li t-tranżazzjoni ma kinitx awtorizzata minnek u li inti m'intix responsabbli, il-Bank se jħallas lura fil-Kont l-ammonti tat-tranżazzjonijiet mhux awtorizzati (inkluż kwalunkwe mgħax jew imposti li inti tkun ħallast b'riżultat tat-tranżazzjoni), kif ukoll kwalunkwe mgħax li l-Bank kieku kien se jħallsek fuq dak l-ammont, li jaqbeż l-ammont ta' ħamsin Euro (€50). Minn hemm 'il quddiem, aħna ma jkollna l-ebda obbligazzjoni oħra lejk.

Inti madankollu se tkun responsabbli bla limiti għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa permezz taċ-Channels qabel tinnotifikana f'termini ta' din il-klawżola jekk:-

a. ma użajtx il-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Application u/jew il-BOV Mobile Authentication Software tiegħek skont din l-Informazzjoni Importanti u t-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu; b'mod partikolari, jekk ma tiħux il-passi raġonevoli kollha biex iżżomm sikuri l-BOV Securekey u n-Numru/i tas-Sigurtà u l-BOV Securekey PIN tiegħek u/jew

il-BOV Mobile Application, u l-BOV Mobile Authentication Software u l-BOV Mobile PIN u d-dejta bijometrika tiegħek, kif applikabbli;

b. ma tkunx avżajtna immedjatament meta sirt taf dwar:
   - it-telf jew is-serq tal-BOV Securekey jew tan-Numru/i tas-Sigurtà jew tal-BOV Securekey PIN u/jew tal-BOV Mobile Application, jew tal-BOV Mobile Authentication Software, jew tal-BOV Mobile PIN, kif applikabbli,
   - ir-reġistrazzjoni fuq il-Kont tiegħek ta' kwalunkwe tranżazzjoni mhux awtorizzata,
   - kwalunkwe żball jew irregolarità oħra fiż-żamma tal-Kont tiegħek minna; jew
   - li kellek kwalunkwe suspett li l-BOV Securekey PIN jew in-Numru/i tas-Sigurtà u/jew il-BOV Mobile PIN u/jew id-dejta bijometrika, kif applikabbli, saru magħrufa minn kwalunkwe parti terza mhux awtorizzata;
c. tkun irreġistrajt il-BOV Securekey PIN jew in-Numru/i tas-Sigurtà u/jew il-BOV Mobile PIN kif applikabbli f'forma li tintgħaraf faċilment, b'mod partikolari fuq il-BOV Securekey u/jew fuq l-apparat mobbli jew fuq kwalunkwe oġġett li inti żżomm jew iġġorr mal-BOV Securekey u/jew mal-apparat mobbli;
d. tkun aġixxejt bi kwalunkwe mod ieħor b'negliġenza gravi jew b'mod frodulenti.

Wara li tinnotifikana, inti ma tkunx aktar responsabbli għal kwalunkwe tranżazzjoni li titwettaq bil-BOV Securekey, u/jew bil-BOV Mobile Application, u/jew bil-BOV Mobile Authentication Software, u/jew bil-BOV Securekey PIN, u/jew bin-Numru/i tas-Sigurtà, u/jew bil-BOV Mobile PIN u/jew bid-dejta bijometrika, kif applikabbli, tiegħek li jkunu nsterqu, intilfu jew ġew misapproprjati. Dan madankollu ma japplikax fejn tkun aġixxejt b'mod frodulenti.

Aħna nitolbu informazzjoni u l-għajnuna tiegħek biex tgħinna nirkupraw il-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Application, u/jew il-BOV Mobile Authentication Software. Inti għalhekk għandek tikkoopera magħna u mal-pulizija fl-isforzi tagħna biex nirkupraw il-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Application, u/jew il-BOV Mobile Authentication Software, u biex ninvestigaw kwalunkwe tranżazzjoni mhux awtorizzata li inti tirrapporta. Jekk inti tintalab tirrapporta dawn it-tranżazzjonijiet lill-pulizija, dan għandu jsir mill-aktar fis possibbli.

Jekk inti ssib il-BOV Securekey u/jew il-BOV Mobile Application, u/jew il-BOV Mobile Authentication Software wara li tkun irrapportajthom mitlufa jew misruqa, inti m'għandekx tużahom imma tibgħathom lura lilna.

**Tranżazzjonijiet f'isem klijenti korporattivi jew konġunti**

Il-klijenti korporattivi jew konġunti jirrikonoxxu, li persuna (kemm jekk l-Amministratur tas-Sistema, kif ukoll jekk utenti oħra maħtura minna fuq l-istruzzjonijiet ta' dawn il-klijenti korporattivi jew konġunti jew mill-Amministratur tas-Sistema, jekk ikun hemm, jew kwalunkwe parti terza awtorizzata jew mhux awtorizzata) li tipprovdi l-BOV Securekey PIN jew in-Numru/i tas-Sigurtà u/jew il-BOV Mobile PIN jew id-dejta bijometrika, kif applikabbli, ta' klijent korporattiv jew klijenti konġunti meta tuża iċ-Channels għandha dejjem tkun intitolata li tuża ċ-Channels (daqslikieku kienet inti li qed tuża ċ-Channels), anke jekk aħna ma konniex avżati dwar dan b'mod separat. Barra minn hekk, inti tifhem u taċċetta li l-klijenti korporattivi huma responsabbli, u l-klijenti konġunti huma responsabbli in solidum, għat-tranżazzjonijiet kollha mwettqa mill-persuna li tipprovdi l-BOV Securekey PIN jew in-Numru/i tas-Sigurtà jew il-BOV Mobile PIN jew id-dejta bijometrika, kif applikabbli.

Inti għandek tosserva kwalunkwe struzzjonijiet tal-utent li nistgħu navżawk bihom minn żmien għal żmien. Fil-ġejjieni, l-istruzzjonijiet tal-utent jistgħu jinbidlu. Jekk dan jiġri, aħna ninfurmawk kif xieraq, kif iddikjarat hawnhekk, u inti għandek tosserva kwalunkwe struzzjonijiet ġodda tal-utent li aħna ninfurmawk dwarhom.

**Bilanċi negattivi**

Inti taqbel li ma tużax iċ-Channels bi kwalunkwe mod li joħloq self mhux awtorizzat fuq kwalunkwe wieħed mill-Kontijiet tiegħek. Inti tista' tieħu self biss bil-kunsens bil-miktub minn qabel tagħna. Jekk inti toħloq self mhux awtorizzat, aħna nistgħu niddebitaw kwalunkwe mgħax u imposti pagabbli. Aħna ma nkunux obbligati naġixxu fuq kwalunkwe struzzjoni ta' ġbid ta' flus mingħandek jekk ma jkunx hemm biżżejjed fondi, inkluż linji ta' kreditu ta' overdraft, disponibbli fil-Kont indikat. Aħna nirriservaw id-dritt li napplikaw imposti meta l-Kontijiet ikollhom bilanċi negattivi mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħna minn qabel, skont it-Tariffi.

**Speċifikazzjoni tat-Tagħmir**

Inti se tkun responsabbli għall-provvista u l-manutenzjoni tas-sistema tal-kompjuter tiegħek, it-telefons, kemm jekk mowbajl kif ukoll jekk linja fissa, u kwalunkwe tagħmir ieħor u biex tiżgura l-kompatibbiltà l-ħin kollu tagħhom mat-tagħmir tagħna u mat-tagħmir ta' kwalunkwe fornitur ta' servizz ta' parti terza.

**Komunikazzjonijiet**

It-telefonati u komunikazzjonijiet oħra magħna jistgħu jiġu mmonitorjati/irreġistrati biex jinżammu u jittejbu ċ-Channels tagħna u għal skopijiet ta' sigurtà, awditjar jew taħriġ. Barra minn hekk, fil-każ ta' kwalunkwe tilwim li jirriżulta fir-rigward

ta' kwalunkwe struzzjoni jew allegata struzzjoni, ir-rekord li tinżamm minna għandha tkun l-evidenza prima facie ta' dawn l-istruzzjonijiet jew allegati struzzjonijiet għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' dan it-tilwim.

Sakemm mhux previst mod ieħor, inti taqbel li kwalunkwe avviż lilek fir-rigward ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u/jew din l-Informazzjoni se jiġu nnotifikati lilek bil-miktub inkluż bl-użu ta' messaġġi fuq jew mar-rendikonti tiegħek kif ukoll b'mezzi elettroniċi bħall-SMS jew il-posta elettronika, kemm jekk permezz tat-24x7 Internet Banking tal-Bank jew mod ieħor.

Inti taqbel li m'intix se tipprova tevita li tirċievi kwalunkwe messaġġ. Inti tkun meqjus li rċevejt kwalunkwe messaġġ elettroniku mibgħut lilek meta dan ikun disponibbli għalik.

Sakemm mhux maqbul mod ieħor, se tintuża l-lingwa Ingliża għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim u għall-komunikazzjonijiet kollha f'konnessjoni mal-Ftehim.

**Separazzjoni**

Kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet hija separabbli mill-oħrajn, u jekk fi kwalunkwe ħin kwalunkwe waħda jew aktar minn dawn id-dispożizzjonijiet, li ma tkunx ta' natura fundamentali, tkun jew issir illegali, invalida jew mhux inforzabbli, il-validità, il-legalità u l-inforzabbiltà tad-dispożizzjonijiet li jifdal ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet m'għandhom bl-ebda mod jiġu affettwati jew imxekkla.

**Eżenzjoni**

L-ebda żmien jew indulġenza li nistgħu nagħtuk aħna u lanqas l-ebda eżenzjoni minna ta' kwalunkwe ksur minnek ta' kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet m'għandhom jaffettwaw id-drittijiet u s-setgħat tagħna hawn taħt.

**Kuntatt Magħna dwar iċ-Channels**

Jekk ikollok xi mistoqsijiet jew kummenti dwar iċ-Channels jew dwar din l-Informazzjoni Importanti jew dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, jekk jogħġbok ikkuntattjana permezz tal-Customer Service Centre.

**Id-dritt li tirċievi l-Informazzjoni Importanti u t-Termini u Kundizzjonijiet tal-Użu**

Matul il-perjodu ta' żmien ta' dan il-Ftehim, inti tista' fi kwalunkwe ħin titlob kopja ta' din l-Informazzjoni Importanti u ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet jew kif jiġu emendati minn żmien għal żmien.

**Terminazzjoni**

Dan il-Ftehim huwa għal żmien indefinit. Madankollu, aħna nistgħu nitterminaw dan il-ftehim jew nikkanċellaw jew nissospendu l-użu taċ-Channels fi kwalunkwe ħin billi nagħtuk xahrejn (2) avviż bil-miktub jew kwalunkwe perjodu ta' avviż iqsar ieħor kif permess mil-liġi, għajr meta ċ-Channels jew il-Kont ikunu ġew jew aktarx li jkunu ġew użati ħażin jew fil-każ ta' kwalunkwe raġuni serja oħra inkluż il-ksur jew il-ksur possibbli minnek ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet, f'liema każ, it-terminazzjoni, il-kanċellazzjoni jew is-sospensjoni jkunu immedjati.

Barra minn hekk, il-Bank jista', fi kwalunkwe ħin jissospendi l-użu taċ-Channels għal kwalunkwe raġuni oġġettivament iġġustifikata inkluż, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan ta' hawn fuq, għas-sigurtà tiegħek u dik taċ-Channels, is-suspett ta' użu mhux awtorizzat jew frodulenti taċ-Channels, jew il-ksur jew il-ksur possibbli minnek tat-Termini u Kundizzjonijiet. F'dawn il-każijiet, fejn possibbli, il-Bank se jinformak minn qabel dwar is-sospensjoni u r-raġunijiet għas-sospensjoni u mhux aktar tard minn immedjatament wara s-sospensjoni, sakemm l-għoti ta' din l-informazzjoni ma jikkompromettix raġunijiet ta' sigurtà oġġettivament iġġustifikati jew mhuwiex ipprojbit fil-liġi. Il-Bank se jinformak permezz tat-telefon jew permezz ta' kwalunkwe mezzi disponibbli jew xierqa.

Ir-riattivazzjoni ta' Channel li jkun ġie sospiż mill-Bank minħabba l-ksur minnek ta' dawn it-Termini u Kundizzjonijiet hija soġġetta għal imposta skont it-Tariffi.

Inti tista' tittermina l-aċċess jew l-użu tiegħek taċ-Channels fi kwalunkwe ħin billi tagħtina avviż bil-miktub dwar dan.

It-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim m'għandha taffettwa l-ebda dritt jew obbligu tagħna t-tnejn. Mat-terminazzjoni, inti tkun meħtieġ immedjatament tħallasna kwalunkwe miżata pendenti jew imposti dovuti.

Barra minn hekk, sakemm mhux maqbul mod ieħor, mat-terminazzjoni tal-aċċess għal jew l-użu taċ-Channels, għal kwalunkwe raġuni, kwalunkwe struzzjoni li ssir minnek permezz taċ-Channels, għajr għal dan li ġej, għandha titwaqqaf b'mod awtomatiku u m'għandhiex titwettaq minna. L-istruzzjonijiet li m'għandhomx jitwaqqfu b'mod awtomatiku u li

għandhom jitwettqu minna huma:

Buy or Sell Securities
Change card details
Change in contact details
Increase credit card limit
Link accounts to debit card
Manage my term accounts
Order bank draft
Order cheque images
Order foreign cash
Order official bank statement
Request card pin
Set up a Standing Order
Switch between funds
Upload file - encrypted
Upload file - unencrypted
View or modify my investment orders

Barra minn hekk, sakemm mhux maqbul mod ieħor, jekk inti ma jibqax ikollok Kont magħna, għal kwalunkwe raġuni, kwalunkwe struzzjoni li ssir minnek permezz taċ-Channels u l-użu minnek taċ-Channels għandhom jitwaqqfu b'mod awtomatiku u m'għandhomx jitwettqu minna.

Informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' ħlas f'termini tad-Direttiva Nru 1 tal-Bank Ċentrali ta' Malta u d-Direttiva aġġornata dwar is-Servizzi ta' Ħlas 2 dwar il-Forniment u l-Użu tas-Servizzi tal-Ħlas (id-"**Direttiva**")

L-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali f'termini tad-Direttiva se tiġi pprovduta lilek b'mod elettroniku. Din l-informazzjoni se tiġi pprovduta u aġġornata f'ħin reali. Jekk inti teħtieġ din l-informazzjoni stampata, tista' tapplika imposta skont it-Tariffi tal-Bank.

Kwalunkwe imposti għar-rendikonti stampati għajr l-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali f'termini tad-Direttiva jkomplu japplikaw skont it-Tariffi tal-Bank.

Jekk jogħġbok innota li l-iskop tal-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali huwa primarjament li jgħinek tidentifika t-tranżazzjonijiet fuq il-Kont tiegħek. Meta tranżazzjoni tiġi deskritta bħala "Flus kontanti", din tista' tkun qed tirreferi għall-ġbid tal-flus kontanti kif ukoll għal tranżazzjonijiet oħra mwettqa bi ġbid ta' flus bħal dan bħall-ftuħ ta' kwalunkwe kont jew it-trasferiment ta' fondi mill-Kont għal kwalunkwe kont ieħor.

**Liġi Applikabbli**

Il-liġi Maltija tirregola din l-Informazzjoni Importanti u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet u l-informazzjoni kollha li tidher fuq iċ-Channels hija pprovduta skont u soġġett għal-liġi Maltija. Għaldaqstant, meta tibbrawżja jew tuża ċ-Channels inti tkun qed taċċetta l-liġi Maltija bħala l-liġi li tirregola t-twettiq u l-operazzjoni u l-użu taċ-Channels.

Il-Qrati ta' Malta għandu jkollhom ġurisdizzjoni mhux esklussiva fuq it-talbiet jew it-tilwim kollu li jirriżultaw fir-rigward ta', minn jew f'konnessjoni maċ-Channels u l-użu tagħhom u din l-Informazzjoni Importanti u dawn it-Termini u Kundizzjonijiet.

Iċ-Channels huma mfassla għall-użu f'Malta u mhumiex indirizzati lejn, u lanqas maħsuba għad-distribuzzjoni jew l-użu minn, kwalunkwe persuna jew entità fi kwalunkwe ġurisdizzjoni jew pajjiż fejn il-pubblikazzjoni jew id-disponibbiltà taċ-Channels jew ta' tali distribuzzjoni jew użu jkunu kuntrarji għal-liġi jew ir-regolamentazzjoni lokali. Jekk inti tagħżel li tuża ċ-Channels, tkun ir-responsabbiltà tiegħek li tikkonforma mal-liġijiet lokali, nazzjonali jew internazzjonali applikabbli u kwalunkwe użu taċ-Channels barra minn Malta huwa totalment b'riskju għalik. Għal aktar gwida relatata mas-sitwazzjoni speċifika tiegħek, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-konsulent legali tiegħek.

DEC 2019

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130, Malta
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of investment in terms of the the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta